VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,038, 14 ta' Awwissu, 2018
Taqsima B

A.L. 281 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (f) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) grad miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mal-ICT flimkien ma' kwalifika jew kwalifiki professjonali jew esperjenza kif murija minn portfolio sostanzjali ta' xogħol riċenti, meqjus mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul tal-Kors; jew"

4. Is-sotto-paragrafu (g) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (f) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(g) kwalunkwe grad ieħor bl-Unuri miksub tal-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, sakemm li l-applikanti jkunu temmew b'suċċess mill-inqas tliet taqsimiet studju individwali kif dirett mill-Bord, qabel ma jidħlu fil-Kors."

5. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) L-applikanti eliġibbli skont is-sotto-paragrafi (a) sa (f) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet studju individwali, kif dirett mill-Bord, u jiksbu kretti għalihom. Jekk l-applikanti jiġu aċċettati biex jidħlu fil-Kors sa 5 snin minn meta jsegwu l-ewwel taqsima studju, il-Bord jista' japprova t-trasferiment ta' dawn il-kretti għar-rekord akkademiku tal-Kors tal-istudent minflok taqsimiet komparabbli fil-programm kurrenti għall-Grad."